31998D0379

L 169/1 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 15.6.1998

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-11 ta' Mejju 1998
## dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ fi prodotti tessili

(98/379/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, partikolarment l-Artikolu 113 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni innegozjat ftehim f'isem il-Komunità, bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ fil-prodotti tessili, mniehdi fit-28 ta' Marzu 1998;

Billi dan il-ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Mejju 1998 sad-dħul tal-proċeduri neċessarji biex jiġi konkluż, u soġġett għall-applikazzjoni temporanja reċiproka tal-ftehim mill-Federazzjoni Russa,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ fi prodotti tessili għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Mejju 1998 sal-konklużjoni formali u soġġett għall-applikazzjoni temporanja reċiproka ta' dan il-ftehim mill-Federazzjoni Russa.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Mejju 1998.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

J. BATTLE